MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 29/2010

**James Magro (ID 506883M)**

**vs**

**Joseph Pace (ID 384735M)**
**Louis Scicluna (ID 663257M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Jannar 2010, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn, mija u sitta u ghoxrin Euro u timntax-il centezmu (€2,126.18) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur tal-20 ta’ April 2010 sabiex il-konvenut Louis Scicluna jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur tal-8 ta’ Gunju 2010 sabiex il-konvenut Joseph Pace jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-seduta ta’ llum, meta gew pprezentati l-Kapitoli ghas-subizzjoni u n-nota tal-mistoqsijiet jisthoqqhom li jkunu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum jhallsu lill-attur s-somma ta’ elfejn, mija u sitta u ghoxrin Euro u tmintax-il centezmu (€2,126.18), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------